32005D0289

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' April 2005

li twaqqaf il-proċediment kontra d-*dumping* dwar l-importazzjoni ta' ħajt magħmul minn filamenti tal-*polyester* ta' saħħa kbira li joriġina mill-Belarus, ir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan

(2005/289/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien kontra d-*dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] (ir-Regolament bażiku), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. **PROĊEDURA**

1. **Ġenerali**

(1) Fit-28 ta' Jannar 2004, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ('avviż ta' bidu') li ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2], il-bidu ta' proċediment ta' kontra d-*dumping* dwar l-importazzjoni fil-Komunità ta' ħajt magħmul minn filamenti tal-*polyester* ta' saħħa kbira li joriġina mill-Belarus, ir-Repubblika tal-Korea ('il-Korea') u t-Tajwan.

(2) Il-proċediment inbeda bħala riżultat ta' lment imressaq f'Diċembru 2003 mill-Comité International de la Rayonne et des Fibres Synthétiques (CIRFS) ('il-kwerelant'), għan-nom ta' produtturi li jirrappreżentaw proporzjon sostanzjali, f'dan il-każ aktar minn 70 % tal-produzzjoni totali tal-Komunita' tal-ħajt magħmul minn filamenti tal-*polyester* ta' saħħa kbira. L-ilment kien fih provi ta' *dumping* tal-prodott imsemmi u ta' dannu materjali li rriżulta, u li kienu meqjusa suffiċjenti biex jibda proċediment kontra d-*dumping*.

(3) Sussegwentement, wieħed mill-produtturi kwerelanti, KoSa, irtira l-appoġġ tiegħu għall-ilment fit-8 ta' Marzu 2004. Sadanittant, produttur Spanjol, Brilén, esprima d-dispożizzjoni tiegħu li jikkoopera fil-proċediment u esprima l-appoġġ tiegħu għall-ilment. Fis-16 ta' Ġunju 2004, CIRFS irtira l-ilment wara li ħabbar li kellu dubji serji jekk il-proċediment kienx se jsolvi b'mod sodisfaċenti l-problemi tad-*dumping* u d-dannu li rriżulta minn dan li sofrew il-produtturi kollha tal-Komunità. Madankollu, l-akbar produttur fil-Komunità (Acordis) talab li l- proċediment jitkompla. Minħabba l-fatt li Acordis u Brilén flimkien jipproduċu 40 % tal-produzzjoni totali tal-ħajt magħmul minn filamenti tal-*polyester* ta' saħħa kbira fil-Komunità, ġie deċiż li kien għad hemm raġuni sostanzjali biex titkompla l-investigazzjoni.

2. **Bidu tal-proċediment**

(4) Il-Kummissjoni avżat b'mod uffiċjali lill-kwerelant u l-produtturi magħrufa fil-Komunità, il-produtturi esportaturi fil-Belarus, il-Korea, it-Tajwan u l-awtoritajiet ta' dawn il-pajjiżi, importaturi u utenti fil-Komunità li ġew identifikati fl-ilment bħala partijiet ikkonċernati, kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tagħhom, bil-bidu tal-proċediment. Il-partijiet ikkonċernati ngħataw l-opportunità li jikkomunikaw il-veduti tagħhom bil-miktub u li jitolbu li jinstemgħu mhux aktar tard miż-żmien stipulat fl-avviż ta' bidu.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru. 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

[2] ĠU C 24, 28.1.2004, p. 20.

(5) Dawk li kkomunikaw il-veduti tagħhom bil-miktub kienu produttur esportatur mill-Belarus u żewġ produtturi esportaturi mit-Tajwan, kif ukoll tliet produtturi mill-Komunità, erbgħin utent, żewġ assoċjazzjonijiet ta' utenti u tliet importaturi. Dawk il-partijiet kollha li għamlu talba li jinstemgħu fiż-żmien stipulat u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għalfejn kellhom jinstemgħu nstemgħu.

(6) Fl-avviż ta' bidu, il-Kummissjoni indikat li, minħabba n-numru apparentement kbir ta' esportaturi/produtturi fil-Korea u ta' l-importaturi fil-Komunità, it-teħid ta' kampjuni seta' jiġi applikat f'din l-investigazzjoni. Madanakollu, minħabba n-numru inqas minn dak mistenni ta' produtturi esportaturi mill-Korea u importaturi fil-Komunità li indikaw ir-rieda tagħhom li jikkooperaw, ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma kienx meħtieġ.

3. **Kwestjonarji**

(7) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet ikkonċernati magħrufa kollha u lill-kumpaniji kollha l-oħra li identifikaw ruħhom fiż-żmien stipulat fl-avviż ta' bidu.

(8) Waslu tweġibiet minn sitt produtturi esportaturi (wieħed mill-Belarus, tlieta mill-Korea u tnejn mit-Tajwan), minn produttur kwerelant mill-Komunità u żewġ produtturi oħra mill-Komunità, minn ħames kumpaniji utenti u minn tliet importaturi.

(9) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li kienet tqis neċessarja biex ikun iddeterminat jekk sarx dumping li wassal għal dannu u l-interessi tal-Komunità. Saru żjarat fil-bini ta' dawn il-kumpaniji:

(a) *Produtturi mill-Komunità:*

— Acordis, Arnhem, l-Olanda,

— Brilén S.A., Barbastro, Spanja;

(b) *Importaturi fil-Komunità:*

— Pössiger GmbH, Rosendahl, il-Ġermanja,

— Mitsui Ltd., London, ir-Renju Unit;

(ċ) *Utenti fil-Komunità:*

— Cordstrap, Deurne, l-Olanda,

— Güth&Wolf, Gütersloh, il-Ġermanja,

— OLBO Industrietextilien GmbH, Solingen, il-Ġermanja,

— Gurt&Bandweberei Oppermann GmbH, Einbeck, il-Ġermanja;

(d) *Produtturi esportaturi mill-Korea:*

— Honeywell Sysko Co., Inc., Seoul, il-Korea,

— Hyosung Corporation, Seoul, il-Korea,

— Kolon Industries Inc., Seoul, il-Korea;

(e) *Produtturi esportaturi mit-Tajwan:*

— Far Eastern Textiles Co. Ltd., Taipei, it-Tajwan,

— Shinkong Corporation, Taipei, it-Tajwan;

(f) *Importaturi relatati fil-Komunità:*

— Honeywell Performance Fibers, Longwy, Franza,

— Hyosung Deutschland GmbH, Neu-Isenburg, il-Ġermanja.

(10) L-investigazzjoni tad-*dumping* u d-dannu kopriet il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2003 (il-perjodu ta' l-investigazzjoni — 'PI'). L-eżami ta' xejriet li kienu rilevanti biex tkun stabbilita stima tad-danni kopra l-perjodu minn Jannar 2000 sa l-aħħar tal-PI ('il-perjodu kkonċernat').

B. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

1. **Prodott ikkonċernat**

(11) Il-prodott ħajt magħmul minn filamenti tal-*polyester* ta' saħħa kbira (li mhux intiż għall-ħjata), li m'huwiex intiż għall-bejgħ bl-imnut, inkluż il-monofilament tal-*polyester* ta' inqas minn 67 *decitex* ('il-prodott ikkonċernat') li joriġina mill-Belarus, il-Korea u t-Tajwan, li s-soltu jkun identifikat mill-kodiċi NM 5402 20 00.

(12) Il-prodott ikkonċernat iħaddan għadd ta' kwalitajiet notevoli u jintuża għal diversi applikazzjonijiet. Dawn jinkludu applikazzjonijiet ta' rinforzament għall-prodotti mekkaniċi tal-gomma, bħall-*conveyer belts*, *transmission belts*, manek, tajers tat-tip *radial*, tessuti miksijin u mhux miksijin, bħat-tarpolina, *billboards*, ġeo-tessuti, ilbies protettiv u ċ-ċintorini tas-sigurtà; u applikazzjonijiet *linear tension*, bħall-ħbula, xbieki u ċineg.

2. **Prodott simili**

(13) Ma nstabet l-ebda differenza bejn il-prodott ikkonċernat esportat mill-Belarus, il-Korea u t-Tajwan lejn il-Komunità u l-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Korea u t-Tajwan. Il-fatt hu li dawn il-prodotti jħaddnu l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi, kif ukoll għandhom l-istess applikazzjonijiet.

(14) Il-produttur esportatur mill-Belarus argumenta li l-prodotti li jesporta lejn il-Komunità ma jixbhux dawk manifatturati u mibjugħa fil-Komunità u għalhekk ma jistgħux jitqiesu prodotti simili. Dan l-argument hu bbażat fuq differenzi allegati fil-kwalità u l-applikazzjonijiet bejn il-prodotti li dan il-produttur esportatur jesporta lejn il-Komunità u mudelli paragunabbli li jipproduċuhom il-produtturi tal-Komunità. Madanakollu, l-investigazzjoni wriet li l-prodotti li jimmanifatturaw il-produtturi tal-Komunità u li jinbiegħu fis-suq tal-Komunità jħaddnu l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi u kif ukoll applikazzjonijiet meta mqabbla ma' dawk li l-produttur esportatur ikkonċernat jesporta lejn il-Komunità.

(15) Bħala konklużjoni, instab li il-prodott esportat lejn il-Komunità mill-Belarus, il-Korea u t-Tajwan, il-prodott manifatturat u mibjugħ fil-Korea u t-Tajwan kif ukoll dak manifatturat u mibjugħ fil-Komunità mill-produtturi tal-Komunità, jħaddnu l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess applikazzjonijiet u għalhekk jitqiesu prodotti simili skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

Ċ. **DUMPING**

1. **Metodoloġija Ġenerali**

(16) Il-metodoloġija ġenerali kif inhi spjegata hawn taħt ġiet applikata lill-produtturi esportaturi kollha fil-Korea, it-Tajwan u, meta tiġi kkunsidrata n-nozzjoni ta' pajjiż analogu, anki għall-produttur esportatur fil-Belarus. Il-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet dwar id-*dumping* għal kull pajjiż ikkonċernat għalhekk jirriflettu fatti speċifiċi għal kull pajjiż esportatur.

1.1. *Valur normali*

(17) Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott simili minn kull produttur esportatur lil xerrejja independenti kienx rappreżentattiv, jiġifieri jekk il-volum total ta' dan il-bejgħ kienx daqs jew aktar minn 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tal-volum totali fi prodotti esportati lill-Komunità.

(18) Sussegwentement il-Kummissjoni identifikat dawk it-tipi tal-prodott simili li nbiegħu fis-suq domestiku mill-kumpaniji kollha li l-bejgħ tagħhom kien ġeneralment rappreżentattiv li kienu identiċi jew direttament paragunabbli ma' dawk it-tipi li jiġu esportati lejn il-Komunità.

(19) Barra minn hekk, għal kull tip ta' prodott li l-produttur esportatur ibiegħ fis-suq domestiku, u li nstab li kien direttament paragunabbli mat-tip li jiġi esportat lejn il-Komunità, ġie stabbilit jekk il-volum ta' bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-finijiet ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-volum tal-bejgħ ta' tip ta' prodott partikolari tqies li kien rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum tal-bejgħ domestiku totali ta' dak it-tip matul il-PI jirrappreżenta 5 % jew aktar tal-volum tal-bejgħ totali tat-tip tal-prodott paragunabbli esportat lejn il-Komunità.

(20) Sussegwentement, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-volum tal-bejgħ ta' kull kumpanija għandux jitqies li ġie rreġistrat fiċ-ċirkostanzi normali ta' kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar wara li ġie stabbilit il-proporzjon tal-volum ta' bejgħ fis-suq domestiku bi profitt lix-xerrejja independenti għal kull tip ta' prodott esportat: (a) għal dawk il-prodotti li aktar minn 80 % tal-volum tal-bejgħ fis-suq domestiku ma kinux inqas mill-ispejjeż ta' unità waħda, u fejn il-prezz medju aġġustat tal-bejgħ kien daqs jew aktar mill-ispiża ta' unità waħda, il-valur normali, skond it-tip tal-prodott, ġie kkalkulat bħala l-medja aġġustata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu tat-tip ikkonċernat; (b) għal dawk il-prodotti li ta' l-inqas 10 %, iżda mhux aktar minn 80 %, skond il-volum tal-bejgħ fis-suq domestiku ma kinux inqas mill-ispejjeż ta' unità waħda, ġie kkunsidrat li t-tip tal-prodott ikkonċernat ma nbiegħx fiċ-ċirkostanzi normali tal-kummerċ.

(21) Għall-bejgħ ta' prodotti li ma ġewx immanifatturati fiċ-ċirkostanzi normali tal-kummerċ, kif ukoll il-prodotti li ma nbigħux fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, kellu jinħoloq il-valur normali.

(22) Biex jinħoloq il-valur normali skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, l-ispejjeż tal-bejgħ, dawk ġenerali u amministrattivi u l-profitt medju aġġustat li rreġistra kull produttur esportatur ikkonċernat li qed jikkoopera fuq bejgħ domestiku tal-prodott simili fiċ-ċirkostanzi normali tal-kummerċ, matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni, żdiedu ma' l-ispiża medja tal-produzzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni. Fejn kien meħtieġ, l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-ispejjeż tal-bejgħ, dawk ġenerali u amministrattivi ġew aġġustati, qabel ma ntużaw bi prova f'ċirkostanzi normali tal-kummerċ u fil-ħolqien ta' valuri normali.

1.2. *Prezz ta' esportazzjoni*

(23) F'kull każ fejn il-prodott ikkonċernat kien esportat lejn xerrejja independenti fil-Komunità, il-prezz tal-prodott esportat ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-prodott esportat attwalment imħallsa jew li għandhom jitħallsu.

(24) Fil-każ fejn il-bejgħ sar permezz ta' importatur relatat, il-prezz tal-prodott esportat ġie kkalkulat fuq il-bażi tal-prezz li bih jinbiegħ lil xerrejja independenti skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti fil-prezz li bih inbiegħ lill-ewwel xerrej independenti fil-Komunità għall-ispejjeż kollha, inklużi dazji u taxxi, li ġew imposti fl-istadju ta' bejn l-importazzjoni u l-bejgħ, biex jiġi stabbilit prezz sod tal-prodott esportat fuq livell ta' prezz mill-fabbrika. Dawn l-ispejjeż huma biex titgħabba l-merkanzija, it-trasport tagħha, il-*handling*, l-assigurazzjoni u l-ispejjeż oħra relatati, kif ukoll l-ispejjeż tal-bejgħ, dawk ġenerali u amministrattivi li weħel l-importatur relatat. Il-prezz li bih inbiegħ il-prodott mill-ġdid ġie aġġustat għal darba oħra biex jirrifletti marġni ta' profitt raġonevoli li l-investigazzjoni wriet li sar mill-importaturi independenti tal-prodott ikkonċernat.

1.3. *Paragun*

(25) Il-paragun bejn il-valur normali u l-prezz tal-prodott esportat sar fuq bażi tal-prezz mill-fabbrika. Biex ikun garantit paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-prodott esportat, saru aġġustamenti neċessarji għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragun tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Aġġustamenti adattati saru f'kull każ fejn dawn tqiesu raġonevoli, eżatti u bbażati fuq provi vverifikati.

1.4. *Marġni tad-dumping*

(26) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, għal kull produttur esportatur, il-valur normali aġġustat medju tqabbel mal-prezz tal-prodott esportat medju aġġustat.

2. **Il-Belarus**

2.1. *Pajjiż analogu*

(27) Peress li l-Belarus hu pajjiż mingħajr ekonomija tas-suq skond it-tifsir ta' l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kellu jkun ibbażat fuq informazzjoni miġbura f'pajjiż ieħor adattat b'ekonomija tas-suq fejn il-prodott ġie manifatturat u kkumerċjalizzat. Fl-avviż ta' bidu ta' l-investigazzjoni, l-Istati Uniti ta' l-Amerika ("USA") kien identifikat bħala l-pajjiż analogu adattat biex jiġi stabbilit il-valur normali għall-Belarus.

(28) Il-produttur esportatur waħdieni fil-Belarus, JSC "Mogilevkhimvolokno", u l-gvern tal-Belarus, oġġezzjonaw għal din il-proposta u ssuġġerew li jiġi użat it-Tajwan. L-argumenti rilevanti li tressqu kienu:

— il-fatt li l-esportaturi tat-Tajwan kienu allegatament qed jagħmlu *dumping* mhux rilevanti biex jintgħażel pajjiż analogu adattat;

— il-kwerelanti għandhom kumpaniji relatati b'faċilitajiet kbar ta' produzzjoni fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u ma kienx ikun xieraq li l-valur normali jiġi bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta minn dawn il-kumpaniji relatati;

— ix-xebh fil-livell ta' l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi, il-volumi tal-produzzjoni u l-prodotti finali bejn it-Tajwan, minn naħa, u l-Belarus, kuntrarju għas-sitwazzjoni fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u

— it-Tajwan ntgħażel bħala pajjiż analogu għall-Belarus f'investigazzjonijiet preċedenti dwar il-prodotti tat-tessuti u hu s-suġġett ta' l-istess investigazzjoni.

(29) Il-Kummissjoni għamlet kuntatt mal-produtturi kollha tal-ħajt magħmul minn filamenti tal-*polyester* ta' saħħa kbira fl-Istati Uniti ta' Amerika li taf dwarhom. Madankollu, minkejja l-isforzi konsiderevoli tal-Kummissjoni, ma waslet l-ebda kooperazzjoni minn dawn il-kumpaniji fiż-żmien stipulat għal dan il-għan. Għalhekk, il-Kummissjoni ma qisitx li jkun xieraq li l-Istati Uniti ta' l-Amerika titqies bħala pajjiż analogu għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni.

(30) Il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat iż-żminijiet stipulati għall-investigazzjoni u n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, investigat jekk wieħed mill-pajjiżi li huma s-suġġett ta' l-investigazzjoni (il-Korea jew it-Tajwan) jikkwalifikawx bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq biex jiġi stabbilit valur normali għall-Belarus.

(31) Iż-żewġ pajjiżi jikkwalifikaw minħabba x-xebh fil-livell ta' żvilupp u l-volumi ta' produzzjoni. Madanakollu, minn bejn il-Korea u l-Belarus, instab li l-Korea kien l-iktar pajjiż li jikkwalifika, peress li kien hemm livell ogħla ta' paragun tal-prodotti finali bejn il-Belarus u l-Korea milli bejn il-Belarus u t-Tajwan. Ta' min jinnota wkoll li hemm aktar operaturi involuti fil-produzzjoni u l-bejgħ fil-Korea milli fit-Tajwan, u li s-suq tal-prodott ikkonċernat fil-Korea hu aktar rappreżentattiv minn dak fit-Tajwan fejn jidħlu kemm il-valur u l-kwantitajiet totali.

(32) Għalhekk, skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ddeċidiet li tieħu l-Korea bħala pajjiż analogu.

2.2. *Valur normali*

(33) Wara li l-Korea ntgħażlet bħala l-pajjiż analogu, il-valur normali ġie kkalkulat fuq il-bażi ta' l-informazzjoni vverifikata fil-bini tal-produtturi esportaturi Koreani li kkooperaw bi sħiħ ma' l-investigazzjoni. Il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew li jitħallsu fis-suq domestiku tal-Korea għal prodotti paragunabbli, jekk jinzerta li dawn ikunu manifatturati fi kwantitajiet rappreżentattivi u fiċ-ċirkostanzi normali tal-kummerċ. Dan kien il-każ f'għadd ta' tipi ta' prodotti esportati.

(34) Fil-każ tal-prodotti esportati l-oħra, li jew ma kinux manifatturati fiċ-ċirkostanzi normali tal-kummerċ fil-Korea, jew ma nbigħux fi kwantitajiet rappreżentattivi mill-produtturi Koreani fis-suq domestiku, ntużaw valuri normali. Il-valur normali nħoloq fuq il-bażi tal-preambolu 22 hawn fuq.

2.3. *Prezz ta' esportazzjoni*

(35) Peress li l-kwantità u l-valur tal-prodotti esportati mibjugħa li ġew irrappurtati mill-produttur esportatur waħdieni fil-Belarus, JSC "Mogilevkhimvolokno", setgħu jitqabblu ma' l-informazzjoni ta' l-Eurostat dwar il-volumi totali tal-prodott ikkonċernat importat mill-Belarus, tqies adattat li jintuża l-bejgħ ta' esportazzjoni rrappurtat ukoll jekk din l-informazzjoni ma ġietx ivverifikata fuq il-post.

(36) Il-bejgħ ta' prodotti esportati ta' JSC "Mogilevkhimvolokno" sar kollu direttament lil xerrejja independenti fil-Komunità. Il-prezz tal-prodott esportat għalhekk ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-prezzijiet imħallsa fil-prattika jew li għandhom jitħallsu.

2.4. *Paragun*

(37) Biex ikun garantit paragun ġust, ġew ikkunsidrati, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, id-differenzi tal-fatturi li jaffettwaw il-paragunabbilità tal-prezzijiet. Saru aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, il-ġarr u l-assigurazzjoni, il-*handling*, it-tagħbija tal-merkanzija u l-ispejjeż relatati, l-ispejjeż ta' importazzjoni u t-taxxi indiretti, l-ispejjeż ta' kreditu, l-ispejjeż ta' wara l-bejgħ, kummissjonijiet, skontijiet u tnaqqis fil-prezz, kull fejn dawn kienu applikabbli u ġġustifikati.

(38) JSC 'Mogilevkhimvolokno' argumenta li, jekk il-prodotti tiegħu, minkejja l-argumenti mressqa fil-preambolu (14) hawn fuq, kienu se jitqiesu bħala prodotti simili, aġġustament kien ikun f'loku minħabba d-differenzi allegati fil-kwalità u l-applikazzjonijiet. Peress li dan l-argument ma ġiex ippruvat, ma setax jiġi aċċettat.

2.5. *Marġni tad-dumping*

(39) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur normali aġġustat medju għal kull tip ta' prodott fil-pajjiż analogu tqabbel mal-prezz tal-prodott esportat medju aġġustat ta' kull tip ta' prodott li jikkorrispondi mal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Belarus. Fuq il-bażi ta' dan il-paragun, instab li kien hemm marġni ta' *dumping* ta' żero fir-rigward tal-prodotti esportati mill-Belarus lejn il-Komunità.

(40) L-esportatur li kkoopera mill-Belarus irrappreżenta t-totalità tal-produzzjoni u l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-Belarus. Għalhekk, il-marġni tad-*dumping* mal-medda tal-pajjiż kien ta' żero. Fl-isfond tal-marġni tad-*dumping* ta' żero mal-medda tal-pajjiż, ġie konkluż li l-investigazzjoni għandha tingħalaq mingħajr ma jiġu adottati miżuri fil-konfront ta' prodotti importati mill-Belarus, skond l-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku.

3. **Ir-Repubblika tal-Korea**

3.1. *Valur normali*

(41) Għal ċerti tipi ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lill-Komunità mit-tliet kumpaniji investigati kollha, il-bejgħ domestiku instab li sar fi kwantitajiet rappreżentattivi u fiċ-ċirkostanzi normali tal-kummerċ. Il-valur normali għal dawn it-tipi ta' prodott kien ibbażat fuq il-prezzijiet attwalment imħallsa jew li jitħallsu minn xerrejja independenti fis-suq domestiku tal-Korea, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.

(42) Għall-bejgħ ta' tipi ta' prodotti li ma sarx fiċ-ċirkostanzi normali tal-kummerċ, kif ukoll għat-tipi ta' prodotti li ma nbigħux fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, kellu jinħoloq il-valur normali. It-tliet kumpaniji investigati biegħu wħud minn dawn it-tipi f'esportazzjoni lejn il-Komunità. Il-valur normali ħoloq skond kif spjegat fil-preambolu (22) hawn fuq.

3.2. *Prezz ta' esportazzjoni*

(43) Il-bejgħ tal-prodotti esportati ta' produttur esportatur wieħed u parti mill-bejgħ ta' produttur esportatur ieħor sar direttament lil importaturi relatati fil-Komunità. Konsegwentement, il-prezz tal-prodott esportat ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-prezzijiet li bihom il-prodotti nbiegħu l-ewwel lil wieħed mix-xerrejja indipendenti u skond il-metodoloġija spjegata fil-preambolu (24).

(44) Id-differenza fil-volum ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat minn żewġ produtturi esportaturi kienet esportata direttament lil xerrejja indipendenti fil-Komunità. Għal dan il-bejgħ, il-prezz tal-prodott esportat ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-prezzijiet li tħallsu fil-prattika jew li jridu jitħallsu.

3.3. *Paragun*

(45) Biex ikun garantit paragun ġust, ġew ikkunsidrati, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, id-differenzi tal-fatturi li jaffettwaw il-paragunabbilità tal-prezzijiet. Fil-każ tal-produtturi esportaturi kollha li ġew investigati, saru aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, it-trasport fuq il-baħar, il-ġarr u l-assigurazzjoni, il-*handling*, it-tagħbija tal-merkanzija u l-ispejjeż relatati, l-ispejjeż ta' importazzjoni u t-taxxi indiretti, l-ispejjeż ta' kreditu, l-ispejjeż ta' wara l-bejgħ, il-kummissjonijiet, l-iskontijiet u t-tnaqqis fil-prezz, kull fejn dawn kienu applikabbli u ġġustifikati.

(46) Wieħed mill-produtturi esportaturi talab aġġustament għal skont ta' kwantità fil-prezz relatat li bih l-importatur ibiegħ mill-ġdid lill-ewwel xerrej independenti bl-argument li l-prezzijiet li bihom ibiegħ lil xi xerrejja li għandhom kuntratti ta' kull tliet xhur kienu inqas mill-prezzijiet li jħallsu dawk ix-xerrejja li kienu qed jixtru fil-pront. Barra minn hekk, dan allega wkoll li dawn il-kuntratti ma jsirux max-xerrejja domestiċi u, għalhekk, għandu jsir aġġustament fil-prezz tal-prodott esportat biex ikun jista' jsir paragun ġust bejn il-prezz tal-prodott esportat u l-valur normali.

(47) Il-Kummissjoni investigat jekk kienx xieraq l-aġġustament mitlub. L-investigazzjoni wriet li wħud mix-xerrejja fil-Komunità fil-fatt kellhom kuntratti ta' kull tliet xhur ma' l-importatur relatat. Peress li nstab li x-xerrejja domestiċi ma kellhomx dan it-tip ta' kuntratt, ġie investigat ukoll jekk il-valur normali u l-prezz tal-prodott esportat kinux paragunabbli. Ma setax jiġi stabbilit li l-prezzijiet għax-xerrejja fil-Komunità inkludewx l-iskont allegat. Barra minn hekk, l-iskont allegat ma deherx fuq il-fattura bħala skont, l-ebda nota ta' kreditu ma nħarġet fir-rigward ta' l-iskont u l-anqas ma' l-iskont allegat ma daħal fis-sistema tal-kontijiet tal-produttur jew ta' l-importatur relatat. Ta' min wieħed jinnota li skontijiet ta' kwantità jistgħu jiġu kkunsidrati biss għal aġġustament meta jingħataw għal differenzi fi kwantitajiet direttament marbuta mal-bejgħ ikkonċernat. F'dan il-każ, għaldaqstant, ma setax jiġi stabbilit li dawn l-iskontijiet ingħataw mill-kumpanija kkonċernata. Konsegwentement, u minħabba l-fatt li l-valur normali u l-prezz tal-prodott esportat instabu li kienu paragunabbli, ġiet miċħuda t-talba għall-aġġustament fir-rigward ta' l-iskont ta' kwantità.

(48) It-tliet kumpaniji investigati, kollha għamlu talba għal *drawback* bis-saħħa ta' l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku bl-argument li l-ispejjeż ta' l-importazzjoni allegatament nġarru mill-prodott simili meta kienu intiżi għall-pajjiż esportatur iżda dawn ingħataw lura jew ma tħallsux meta l-prodott ġie esportat lejn il-Komunità.

(49) Din it-talba tqieset mingħajr bażi peress li t-tliet kumpaniji naqsu milli juru li l-ispejjeż ta' l-importazzjoni mogħtija lura lill-kumpaniji kienu riżultat ta' l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità.

(50) Kumpanija waħda talbet aġġustament skond l-Artikolu 2(10)(f) tar-Regolament bażiku għad-differenzi fl-ispejjeż ta' l-ippakkjar direttament relatati bejn il-prodotti esportati u dawk mibjugħa fis-suq domestiku. F'dan ir-rigward, il-kumpanija naqset li turi kull differenza fl-ispejjeż li taffettwa l-paragunabbilità tal-prezz, bejn l-ippakkjar tal-prodott ikkonċernat u dak tal-prodott simili mibjugħ mill-esportaturi Koreani li kkooperaw fis-suq domestiku tagħhom. Għalhekk din it-talba ġiet miċħuda.

3.4. *Marġni tad-Dumping*

(51) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, għal kull kumpanija, il-valur normali aġġustat medju stabbilit għal kull tip ta' prodott tqabbel mal-prezz tal-prodott esportat medju aġġustat ta' kull tip ta' prodott korrispondenti.

(52) Fuq din il-bażi, il-marġni tad-*dumping*, espress bħala persentaġġ tal-prezz tal-prodott importat CIF mal-fruntiera tal-Komunità, mingħajr dazju, huwa kif ġej:

Honeywell Sysko Co., Inc.	4,5 %
Hyosung Corporation	0 %
Kolon Industries Inc.	0 %.

(53) Fir-rigward tal-prodotti impurtati li oriġinaw mill-Korea, ta' min wieħed jinnota li t-tliet produtturi esportaturi msemmija hawn fuq jirrappreżentaw l-prodotti esportati kollha li joriġinaw f'dan il-pajjiż meta mqabbla ma' l-informazzjoni ta' l-Eurostat. Biex ikun valutat jekk, fuq il-livell ta' pajjiż, il-marġni tad-*dumping* kienx taħt livell *de minimis*, ġiet stabbilit marġni ta' *dumping* medju aġġustat. Instab li dan il-marġni kien taħt livell *de minimis* minħabba l-kobor tal-volum ta' l-esportazzjoni ta' Hyosung u Kolon ipparagunat ma' dak ta' Honeywell. Fid-dawl tal-marġni ta' *dumping de minimis* fuq livell ta' pajjiż, ġie konkluż li l-investigazzjoni għandha tintemm mingħajr ma jkunu adottati miżuri ta' kontra d-*dumping* fil-konfront ta' prodotti importati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea, skond l-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku.

4. **Tajwan**

4.1. *Valur normali*

(54) Għall-maġġoranza l-kbira tat-tipi tal-prodotti esportati lejn il-Komunità miż-żewġ kumpaniji Tajwaniżi investigati, il-volum tal-bejgħ domestiku nstab li kien fi kwantitajiet rappreżentattivi u fiċ-ċirkostanzi normali tal-kummerċ. Il-valur normali għal dawn it-tipi ta' prodotti kien ibbażat fuq il-prezzijiet attwali li tħallsu jew li jitħallsu minn xerrejja independenti fis-suq domestiku tat-Tajwan, matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni, kif spjegat fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.

(55) Għall-volumi ta' bejgħ ta' dawk it-tipi ta' prodotti li ma jkunux immanifatturati fiċ-ċirkostanzi normali tal-kummerċ, kif ukoll dawk it-tipi ta' prodotti li ma nbigħux f'kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-valur normali kellu jiġi kostruwit. Iż-żewġ kumpaniji investigati esportaw kwantitajiet limitati ta' uħud minn dawn it-tipi ta' prodotti lejn il-Komunità. Il-valur normali ġie kostruwit fuq il-bażi tal-preambolu (22) hawn fuq.

4.2. *Prezz ta esportazzjoni*

(56) Il-bejgħ kollu tal-prodott ikkonċernat li sar miż-żewġ produtturi esportaturi fis-suq tal-Komunità sar direttament lil xerrejja independenti fil-Komunità. Konsegwentement, il-prezz tal-prodott esportat ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' prodotti esportati li tħallsu attwalment jew li jitħallsu.

4.3. *Paragun*

(57) Biex ikun garantit paragun ġust, ġew ikkunsidrati, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, id-differenzi tal-fatturi li jaffettwaw il-paragunabbiltà tal-prezzijiet. Fil-każ taż-żewġ produtturi esportaturi li ġew investigati, saru aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, it-trasport fuq il-baħar, il-ġarr u l-assigurazzjoni, il-*handling*, il-ħatt u l-ispejjeż relatati, l-ispejjeż ta' importazzjoni u t-taxxi indiretti, l-ispejjeż ta' kreditu, l-ispejjeż ta' wara l-bejgħ, il-kummissjonijiet, l-iskontijiet u t-tnaqqis, kull fejn dawn kienu applikabbli u ġustifikati.

4.4. *Marġni tad-dumping*

(58) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, għal kull kumpanija, il-valur normali aġġustat medju stabbilit għal kull tip ta' prodott tqabbel mal-prezz tal-prodott esportat medju aġġustat tat-tip ta' prodott li jikkorrespondi.

(59) Fuq din il-bażi, il-marġni tad-*dumping*, espressi bħala persentaġġ tal-prezz tal-prodott importat CIF mal-fruntiera tal-Komunità, mingħajr dazju, huma kif ġejjin:

Far Eastern Textiles Corporation	5,5 %
Shinkong Corporation	0 %.

(60) Peress li l-livell ta' kooperazzjoni kien għoli (aktar minn 80 % tal-volum ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat mit-Tajwan lejn il-Komunità), il-marġni residwu tad-*dumping* tpoġġa fuq l-istess livell ta' dak stabbilit għall-produttur esportatur li kkoopera, Far Eastern Textiles Corporation, jiġifieri 5,5 %.

D. **DANNU**

1. **Definizzjoni ta' l-Industrija Komunitarja**

(61) Ġewwa l-Komunità, hemm sitt produtturi li jimmanifatturaw il-prodott simili, jiġifieri ż-żewġ kumpaniji li għan-nom tagħhom sar l-ilment (Acordis and KoSa) u żewġ produtturi oħra. Kif inhu indikat fil-preambolu (3) hawn fuq, KoSa irtirat l-appoġġ tagħha għall-ilment fit-8 ta' Marzu 2004.

(62) Wieħed mill-erba' produtturi l-oħra tal-Komunità, il-kumpanija Spanjola Brilén, ippreżentat ruħha wara l-bidu tal-proċediment biex tappoġġa l-ilment u kkooperat bis-sħiħ matul il-proċediment.

(63) Produttur ieħor tal-Komunità, Honeywell, li għandu faċilitajiet ta' produzzjoni, fost oħrajn, fi Franza, issottometta tweġiba għall-kwestjonarju. Wara li ssottometta t-tweġiba għall-kwestjonarju, Honeywell iddeċieda li jopponi l-proċediment.

(64) Iż-żewġ produtturi tal-Komunità li jappoġġaw l-investigazzjoni, Acordis u Brilén, flimkien kienu jirrappreżentaw madwar 40 % tal-produzzjoni tal-Komunità tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni. Dawn jitqiesu li jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità skond it-tifsira mogħtija fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem msejħa l-industrija tal-Komunità

(65) Peress li hemm żewġ produtturi biss li jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità, *d-data* dwar l-industrija tal-Komunità kellhom ikunu indiċjati biex tinżamm il-kunfidenzjalità bis-saħħa ta' l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

2. **Konsum tal-Komunità**

(66) Il-konsum tal-Komunità ġie stabbilit fuq il-bażi tal-produzzjoni tal-produtturi kollha tal-prodott simili fil-Komunità, hekk kif ġie stmat mill-kwerelant, flimkien mal-prodotti importati mill-pajjiżi kollha skond kif rrapporta l-Eurostat, bit-tnaqqis tal-prodotti esportati lejn il-pajjiżi kollha skond kif rrapporta l-Eurostat.

(67) Instab li l-konsum tal-Komunità baqa' sostanzjalment stabbli matul il-perjodu kkonċernat hekk kif żdied biss b'rata ta' 1 %. Id-*data* dettaljati huma kif ġej:

Konsum	2000	2001	2002	2003 (PI)
Tunnellati	206 000	206 900	207 900	207 400
Indiċi	*100*	*100*	*101*	*101*

3. **Il-volum tal-prodotti importati *dumped* u s-sehem tas-suq**

(68) Peress li kien hemm produttur esportatur wieħed biss mit-Tajwan tal-prodott ikkonċernat li rriżulta li kien responsabbli għad-*dumping* matul il-PI, d-*data* dwar l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità minn dak il-produttur esportatur kellhom ikunu indiċjati biex tinżamm il-kunfidenzjalità bis-saħħa ta' l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

(69) Informazzjoni dwar volumi ta' prodotti importati *dumped* bejn 2000 u l-PI hi bbażata fuq dik provduta mill-produttur esportatur li kien responsabbli għad-*dumping* matul il-PI. Il-prodotti importati *dumped* li oriġinaw mit-Tajwan naqsu b'16 % bejn l-2000 u l-2001, iżda żdiedu b'mod sinjifikattiv fl-2002 u matul il-PI għal żieda totali ta' 112 % matul il-perjodu kkonċernat. Is-sehem tas-suq tal-prodotti importati *dumped* li oriġinaw mit-Tajwan mexa bl-istess pass. Ta' min wieħed jinnota li dan is-sehem tas-suq kien limitat matul il-perjodu kkonċernat u kien dejjem taħt l-4 %.

Importazzjoni	2000	2001	2002	2003 (PI)
Volumi (tunnellati)	Ma jistax jiġi żvelat (ara l-preambolu 68 fuq)			
Indiċi	*100*	*84*	*136*	*212*
Sehem tas-suq	Ma jistax jiġi żvelat (ara l-preambolu 68 fuq)			
Indiċi	*100*	*84*	*135*	*211*

4. **Prezzijiet ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati**

(70) Informazzjoni dwar il-prezzijiet ta' prodotti importati *dumped* bejn l-2000 u l-PI hi bbażata fuq dik provduta mill-produttur esportatur li qed jikkoopera u li nstab li kien qed jipprattika d-*dumping* matul il-PI.

(a) *Evoluzzjoni tal-prezzijiet*

(71) Skond *data* miġburin matul l-investigazzjoni, prezzijiet ta' prodotti importati mit-Tajwan niżlu kontinwament b'total ta' 29 % matul il-perjodu kkonċernat.

Prezzijiet ta' prodotti importati	2000	2001	2002	2003 (PI)
EUR/tunnellata	Ma jistax jiġi żvelat (ara l-preambolu 68 fuq)			
Indiċi	*100*	*99*	*80*	*71*

(b) *Tnaqqis sostanzjali fil-prezzijiet*

(72) Paragun għal mudelli paragunabbli tal-prodott ikkonċernat sar bejn il-prezzijiet medji ta' bejgħ tal-produtturi esportaturi u dawk ta' l-industrija tal-Komunità. Għal dan il-għan, il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità mill-fabbrika lil xerrejja mhux relatati, wara li tnaqqsu r-*rebates* u t-taxxi kollha ġew imqabbla mal-prezzijiet CIF mal-fruntiera tal-Komunità tal-produttur esportatur Tajwaniż li instab li kien qed jipprattika d-*dumping*, b'aġġustament għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni. Il-paragun wera li matul il-PI l-prodott ikkonċernat li joriġina mit-Tajwan li nbiegħ fil-Komunità kellu prezzijiet inqas sew minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità b'madwar 25-30 %.

5. **Is-Sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità**

(73) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi rilevanti kollha li kellhom effett fuq l-istat ta' l-industrija tal-Komunità.

(a) *Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u utilizzazzjoni ta' kapaċità*

(74) Wara perjodu ta' produzzjoni relattivament stabbli bejn l-2000 u l-2002, il-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat fl-industrija tal-Komunità żdiedet b'4 % fil-PI. Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet matul il-perjodu kkonċernat bi 8 %.

(75) L-utilizzazzjoni ta' kapaċità naqset inizjalment b'7 % bejn l-2000 u l-2001, iżda wara żdiedet b'3 % sa l-2003 għal tnaqqis totali ta' 4 % matul il-perjodu kkonċernat.

Produzzjoni	2000	2001	2002	2003 (PI)
Produzzjoni	Ma tistax tiġi żvelata (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*99*	*100*	*104*
Kapaċità ta' produzzjoni	Ma tistax tiġi żvelata (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*106*	*107*	*108*
Utilizzazzjoni ta' kapaċità	Ma tistax tiġi żvelata (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*93*	*94*	*96*

(b) *Ħażniet*

(76) Ħażniet tal-prodott ikkonċernat setgħu jiġu analizzati biss għall-perjodu bejn l-2001 u l-2003, peress li l-industrija tal-Komunità ma setgħetx tipprovdi informazzjoni konsistenti għall-perjodu preċedenti. Dan kien minħabba li wieħed mill-produtturi tal-Komunità beda bl-operazzjonijiet tiegħu fl-2001, u għalhekk ma kellux ħażniet qabel dik is-sena, filwaqt li l-produttur l-ieħor tal-Komunità ma setax jipprovdi informazzjoni konsistenti minħabba raġunijiet ta' riorganizzazzjoni interna.

(77) Il-ħażniet naqsu b'14 % bejn 2001 u 2003, u baqgħu relattivament stabbli matul il-PI, għal tnaqqis totali ta' 12 % bejn 2001 u l-PI.

Ħażniet	2000	2001	2002	2003 (PI)
Tunnellati	Ma tistax tiġi żvelata (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*mhux applikabbli*	*100*	*86*	*88*

(ċ) *Volumi tal-bejgħ u s-sehem tas-suq*

(78) Il-bejgħ fis-suq tal-Komunità tal-prodott ikkonċernat manifatturat mill-industrija tal-Komunità naqas b'2 % minn 2000 sa 2002 iżda dan żdied matul il-PI b'5 % għal żieda totali ta' 3 % matul il-perjodu kkonċernat. Fl-istess ħin is-sehem tas-suq naqas b'3 % bejn l-2000 u l-2002, iżda wara żdied b'5 % matul il-PI għal żieda totali ta' 2 % matul il-perjodu kkonċernat. L-industrija tal-Komunità kellha sehem tas-suq bejn 20 % u 30 % matul il-perjodu kkonċernat.

Bejgħ	2000	2001	2002	2003 (PI)
Bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità (tunnellati)	Ma jistax jiġi żvelat (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*100*	*98*	*103*
Sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità	Ma jistax jiġi żvelat (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*99*	*97*	*102*

(d) *Prezzijiet tal-bejgħ*

(79) Il-prezzijiet medji ta' prodotti mibjugħa aġġustati tat-tipi kollha tal-prodott simili li nbiegħu mill-industrija tal-Komunità żdiedu b'4 % bejn l-2000 u l-2001. Wara l-prezzijiet niżlu b'12 % fl-2002 u baqgħu jinżlu b'5 % matul il-PI, għal tnaqqis totali ta' 13 % matul il-perjodu kkonċernat.

Prezz tal-prodott mibjugħ	2000	2001	2002	2003 (PI)
Prezz tal-prodott mibjugħ (EUR/tunnellata)	Ma jistax jiġi żvelat (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*104*	*92*	*87*

(80) L-ispiża tal-produzzjoni ġiet ikkalkolata fuq il-bażi tal-medja aġġustata tat-tipi kollha tal-prodott simili manifatturati mill-industrija tal-Komunità fis-sena rispettiva.

(81) L-ispiża tal-produzzjoni żdiedet bejn l-2000 u l-2001, iżda naqset fl-2002 qabel ma baqgħet relattivament stabbli matul il-PI. Ma rriżultatx mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ fuq l-istess livell ta' l-2002 u l-PI.

Spejjeż	2000	2001	2002	2003 (PI)
Spiża tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	Ma tistax tiġi żvelata (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*108*	*101*	*102*

(e) *Profitt*

(82) Il-profitt ġenerali ta' l-industrija tal-Komunità fejn jidħol il-prodott ikkonċernat inizjalment kien ta' bejn l-10 % u l-15 % fl-2000. Il-profitt wara iddeterjora sakemm irreġistra ċifra negattiva matul il-PI. Dan il-profitt jirreferi għat-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat li mmanifatturat u biegħet l-industrija tal-Komunità fil-Komunità. Il-profitt ta' Brilén ma ġietx ikkunsidrata fl-ewwel sena tagħha ta' negozju (2001) peress li dan kien jgħawweġ il-fatti minħabba rata sostanzjali ta' profitt negattiv matul il-perjodu tal-bidu tal-produzzjoni tal-prodott simili.

Profitt	2000	2001	2002	2003 (PI)
Profitt (Bejgħ KE)	Ma jistax jiġi żvelat (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*92*	*28*	*-22*

(83) Ta' min jinnota li waħda mill-kumpaniji allegat li l-profitt tagħha kien ikun ħafna inqas li kieku kellhom ikunu kkunsidrati l-ispejjeż li rriżultaw min-nuqqas ta' utilizzazzjoni tal-faċilitajiet ta' produzzjoni tagħhom. Madanakollu, dawn l-ispejjeż addizzjonali ma setgħux jiġu kkunsidrati minħabba li ma ġew issostanzjati biżżejjed u għalhekk ma setgħux ikunu verifikati.

(f) *Investimenti u r-rendiment fuq l-investimenti*

(84) L-investiment fin-negozju tal-prodott ikkonċernat naqas sostanzjalment matul il-perjodu kkonċernat. Ta' min wieħed jinnota li l-livell ta' investiment fl-2000 kien partikolarment għoli minħabba l-ispejjeż tal-bini ta' fabbrika ġdida ta' wieħed mill-produtturi tal-Komunità li jirrappreżenta madwar 50 % tat-total ta' l-investimenti f'dik is-sena. L-informazzjoni dettaljata tidher hawn taħt:

Investimenti	2000	2001	2002	2003 (PI)
Investimenti (EUR '000)	Ma jistgħux jiġu żvelati (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*77*	*34*	*51*
Ritorn fuq l-investiment	Ma jistax jiġi żvelat (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*94*	*20*	*-18*

(85) Ir-rendiment fuq l-investiment naqas kontinwament matul il-perjodu kkonċernat, u sar negattiv matul il-PI. Dan it-tnaqqis jirrefletti d-deterjorazzjoni ġenerali tal-profitt matul il-perjodu kkonċernat.

(g) *Dħul u ħruġ ta' flus u kapaċità għall-ġbir tal-kapital*

(86) Id-dħul u ħruġ ta' flus ta' l-industrija tal-Komunità kien relattivament stabbli fl-2000 u l-2001, iżda dan iddeterjora fl-2002 u l-PI, kemm f'termini assoluti kif ukoll bħala persentaġġ tat-*turnover*. Dan l-iżvilupp jirrifletti l-iżvilupp tal-profitt ġenerali matul il-perjodu kkonċernat.

Dħul u ħruġ ta' flus	2000	2001	2002	2003 (PI)
Dħul u ħruġ ta' flus(EUR '000)	Ma jistax jiġi żvelat (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*101*	*48*	*-3*
Dħul u ħruġ ta' flus bħala persentaġġ tat-*turnover*	Ma jistax jiġi żvelat (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*91*	*53*	*-4*

(87) Iż-żewġ produtturi tal-Komunità jiġbru l-kapital internament mill-grupp tal-kumpanija. S'issa investimenti u spejjeż ta' riċerka u żvilupp ma ġewx affettwati b'mod sostanzjali minħabba l-profitt negattiv.

(h) *Impjiegi, produttività u salarji*

(88) L-impjiegi naqsu b'10 % matul il-perjodu kkonċernat. Peress li l-produzzjoni żdiedet matul dan il-perjodu, in-nuqqas fl-impjiegi jfisser li l-produttività, imkejla għal kull impjegat, żdiedet b'mod sostanzjali b'16 % matul il-perjodu kkonċernat. Iż-żieda fl-ispejjeż tal-pagi għal kull impjegat kienet riżultat ta' negozjati industrijali u kienet inqas mir-rata medja ta' l-inflazzjoni fil-Komunità li laħqet 6.4 % matul il-perjodu kkonċernat.

Impjiegi	2000	2001	2002	2003 (PI)
Numru ta' impjegati	Ma jistax jiġi żvelat (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*101*	*98*	*90*
Spejjeż tax-xogħol għal kull impjegat (EUR)	Ma jistgħux jiġu żvelati (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*100*	*105*	*104*
Produzzjoni għal kull impjegat (tunnellati/sena)	Ma tistax tiġi żvelata (ara l-preambolu 65 fuq)			
Indiċi	*100*	*98*	*102*	*116*

(i) *Livell ta' dumping*

(89) Fir-rigward ta' l-impatt fuq l-industrija tal-Komunità tal-livell tal-marġni attwali tad-*dumping*, meta jiġu kkunsidrati l-prezzijiet tal-prodotti importati mit-Tajwan, dan l-impatt ma jistax jitqies negliġibbli ukoll jekk il-volumi ta' l-importazzjoni kienu limitati.

(j) *Irkupru minn* dumping *passat jew għoti ta' sussidji*

(90) Fl-assenza ta' kull informazzjoni dwar l-eżistenza ta' *dumping* jew għoti ta' sussidji qabel ma ġiet valutata s-sitwazzjoni fil-proċediment preżenti, dan il-punt jitqies irrelevanti.

6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(91) Bejn l-2000 u l-PI, il-volum tal-prodotti importati kkonċernati *dumped* li ġew mit-Tajwan żdied b'mod sostanzjali, b'rata ta' 112 %. Madanakollu, peress li l-volum tal-prodotti importati mit-Tajwan hu relattivament baxx f'termini assoluti, il-proporzjon tagħhom fis-suq tal-Komunità żdied b'inqas minn 2 %. Il-prezzijiet medji tal-prodotti importati *dumped* mit-Tajwan kienu inqas b'mod konsistenti minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità matul il-perjodu kkonċernat. Barra minn hekk, matul il-PI, il-prezzijiet tal-prodotti importati mit-Tajwan kienu inqas minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità. Fuq bażi ta' prezz medju aġġustat, matul il-PI każijiet ta' prezzijiet orħos laħqu viċin 30 %.

(92) Xi indikaturi rreġistraw żviluppi pożittivi: matul il-perjodu kkonċernat il-produzzjoni żdiedet b'4 % u l-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet b'8 %, filwaqt li l-ħażniet naqsu b'12 %. Il-bejgħ fil-Komunità żdied b'3 %, bis-sehem tas-suq jiżdied b'2 %. Ir-rata tal-produzzjoni għal kull impjegat żdied b'16 % filwaqt li l-ispejjeż tax-xogħol għal kull impjegat żdiedu biss b'rata ta' 4 % (inqas mir-rata medja ta' inflazzjoni ta' l-UE ta' 6.4 % matul il-perjodu kkonċernat).

(93) Indikaturi oħra jirreġistraw deterjorazzjoni fis-sitwazzjoni tal-industrija fil-Komunità matul il-perjodu kkonċernat. Matul dan il-perjodu, il-prezz tal-bejgħ ta' unità waħda ta' bejgħ niżel b'13 % filwaqt li l-ispiża tal-produzzjoni ta' unità waħda żdied b'2 %, bir-riżultat li kien reġistrat profitt negattiv. Ir-rendiment fuq l-investimenti u d-dħul u ħruġ ta' flus minn attivitajiet operattivi kellhom l-istess xejra negattiva. L-impjiegi naqsu b'10 % u l-investiment naqas b'49 % (l-iktar minħabba l-bini ta' fabbrika ġdida fl-2000 li kienet responsabbli għal madwar 50 % ta' l-investiment totali f'dik is-sena).

(94) Fid-dawl ta' dan, ġie konkluż li l-industrija tal-Komunità sofriet dannu materjali skond it-tifsira ta' l-Artikoli 3(1) u 3(5) tar-Regolament bażiku.

E. **KAWŻALITÀ**

1. **Daħla**

(95) Skond l-Artikoli 3(6) u 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-prodotti importati *dumped* mit-Tajwan ikkaġunawx dannu lill-industrija tal-Komunità sal-punt li jista' jkun klassifikat bħala materjali. Fatturi oħra magħrufa minbarra prodotti importati *dumped*, li setgħu fl-istess żmien jikkaġunaw dannu lill-industrija tal-Komunità, ġew eżaminati wkoll biex jiġi żgurat li dannu possibbli kaġunat minn dawn il-fatturi l-oħra ma jkunx attribwit lill-prodotti importati *dumped*.

2. **Effetti tal-prodotti importati *dumped***

(96) Matul il-perjodu kkonċernat, il-volum tal-prodotti importati *dumped* żdied b'112 % u l-prezz tal-prodotti importati *dumped* mit-Tajwan niżel b'29 %. Il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità niżlu b'13 % matul l-istess perjodu, fi żmien meta l-ispejjeż tal-produzzjoni żdiedu b'2 % bir-riżultat li ġie reġistrat tnaqqis fil-profitt (madwar 10-15 punti ta' persentaġġ matul il-perjodu kkonċernat). Fil-fatt, l-industrija tal-Komunità kienet għaddejja b'telf matul il-PI. F'dawn iċ-ċirkostanzi, instab li l-prodotti importati *dumped* għamlu ċerta pressjoni fuq il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità u kellhom xi impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

(97) Madanakollu, fil-valutazzjoni tal-prodotti importati *dumped*, għandu jiġi wkoll ikkunsidrat li l-volumi tal-prodotti importati *dumped* kienu dejjem taħt l-4 % u li s-sehem tas-suq tagħhom żdied matul il-perjodu kkonċernat b'inqas minn żewġ punti ta' persentaġġ, biex baqgħu dejjem taħt l-4 %. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, hu diffiċli li jiġi stabbilit b'ċertezza l-impatt tal-prodotti importati *dumped* fuq is-sitwazzjoni negattiva ta' l-industrija tal-Komunità.

3. **Effetti ta' fatturi oħra**

Prodotti importati li oriġinaw minn pajjiżi oħra

(98) Prodotti importati minn terzi pajjiżi niżlu minn 60 075 tunnellata fl-2000 għal 51 813 tunnellata fil-PI, għal tnaqqis totali ta' 14 %. Prezzijiet medji niżlu minn EUR 2.39 fl-2000 għal 2.17 matul il-PI, għal tnaqqis totali ta' 9 %. Prezzijiet varjaw b'mod sinjifikattiv bejn id-diversi pajjiżi esportaturi. Volumi ta' prodotti importati minn terzi pajjiżi oriġinaw l-iktar mill-Belarus, il-Ġappun, il-Korea, l-Afrika ta' Isfel, l-Isvizzera u l-Istati Uniti, li flimkien kienu responsabbli għal 25 % tal-konsum tal-Komunità. Għalkemm hemm prodotti importati minn għadd kbir ta' terzi pajjiżi oħra, individwalment dawn huma responsabbli għal inqas minn 1 % tal-konsum tal-Komunità matul il-perjodu kkonċernat.

	2000			2001			2002			2003 (PI)		
Tipi kollha	Tunnell-ati	Sehem tas-suq	Prezz EUR/kg	Tunnell-ati	Sehem tas-suq	Prezz EUR/kg	Tunnell-ati	Sehem tas-suq	Prezz EUR/kg	Tunnell-ati	Sehem tas-suq	Prezz EUR/kg
Il-Belarus	3 459	1,7%	2,24	3 920	1,9%	2,34	3 842	1,8 %	2,05	4 683	2,3 %	1,83
B'indiċi	*100*	*100*	*100*	*113*	*113*	*104*	*111*	*110*	*92*	*135*	*134*	82
Il-Ġappun	2 384	1,2%	2,61	2 224	1,1%	2,77	5 960	2,9 %	2,28	5 079	2,4%	2,15
B'indiċi	*100*	*100*	*100*	*93*	*93*	*106*	*250*	*248*	*87*	*213*	*212*	*82*
Il-Korea	19 962	9,7 %	2,07	24 381	11,8 %	2,05	23 021	11,1 %	1,61	17 264	8,3%	1,66
B'indiċi	*100*	*100*	*100*	*122*	*122*	*99*	*115*	*114*	*78*	*86*	*86*	*80*
L-Afrika ta' Isfel	3 533	1,7 %	2,80	3 236	1,6 %	3,14	3 071	1,5 %	2,48	3 318	1,6%	2,45
B'indiċi	*100*	*100*	*100*	*91*	*91*	*112*	*86*	*86*	*89*	*93*	*93*	*88*
L-Isvizzera	10 751	5,2 %	3,13	9 804	4,7 %	3,40	11 472	5,5 %	2,65	7 728	3,7 %	3,16
B'indiċi	*100*	*100*	*100*	*91*	*91*	*108*	*107*	*106*	*84*	*72*	*71*	*101*
L-Istati Uniti	*6 496*	3,2 %	2,50	3 915	1,9 %	3,28	2 515	1,2 %	2,90	*3 156*	1,5 %	2,20
B'indiċi	*100*	*100*	*100*	*60*	*60*	*131*	*39*	*38*	*116*	*49*	*48*	*88*
Pajjiżi oħra	13 466	6,5 %	2,12	9 172	4,4 %	2,34	9 632	4,6 %	2,32	10 581	5,1 %	2,35
B'indiċi	*100*	*100*	*100*	*68*	*68*	*110*	*72*	*71*	*110*	*79*	*78*	*111*
TOTAL	60 075	29,2 %	2,39	56 654	27,4 %	2,52	59 515	28,6 %	2,12	51 813	25,0 %	2,17
B'indiċi	*100*	*100*	*100*	*94*	*94*	*106*	*99*	*98*	89	*86*	*86*	*91*

(a) *Prodotti importati li ma kellhomx impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità*

(99) Il-prodotti importati li oriġinaw mill-Afrika ta' Isfel naqsu b'7 % matul il-perjodu kkonċernat. Matul il-PI dawn kellhom biss sehem tas-suq *de minimis* ta' 1.6 % u, skond id-*data* ta' l-Eurostat, u lanqas matul il-PI ma kienu qed iraħħsu żżejjed il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità.

(100) Il-prodotti importati li oriġinaw mill-Isvizzera naqsu b'28 % matul il-perjodu kkonċernat, u skond id-*data* ta' l-Eurostat, il-prezzijiet tagħhom ma kinux inqas b'mod sostanzjali mill-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità. Barra minn hekk, matul il-PI, dawn irrappreżentaw sehem tas-suq moderat ta' 3.7 %.

(101) Il-prodotti importati li oriġinaw mill-Istati Uniti naqsu b'51 % matul il-perjodu kkonċernat u, skond id-*data* ta' l-Eurostat, il-prezzijiet tagħhom kienu inqas mill-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità matul il-PI b'inqas minn 5 %. Barra minn hekk dawn kellhom biss sehem tas-suq *de minimis* ta' 1.5 % matul il-PI.

(102) Il-konklużjonijiet li jidhru hawn fuq huma bbażati fuq l-informazzjoni disponibbli, jiġifieri l-istatistika ta' l-Eurostat, li ma tipprovdix informazzjoni dettaljata dwar id-differenzi tat-tipi tal-prodott. Madanakollu, ġie konkluż li, minħabba s-sehem tas-suq *de minimis* jew moderat li kellhom il-prodotti u n-nuqqas ta' każijiet fejn kien hemm prezzijiet inqas b'mod sostanzjali, jew livell baxx ta' dan, il-volumi importati mill-Afrika ta' Isfel, l-Isvizzera u l-Istati Uniti ma kellhomx impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

(b) *Prodotti importati li kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità*

(103) Il-volum tal-prodotti importati mill-Ġappun żdied b'113 % matul il-perjodu kkonċernat, iżda inizjalment il-livell kien baxx. Dan irrappreżenta sehem fis-suq ta' 2.4 % matul il-PI u, skond id-*data* ta' l-Eurostat, il-prezzijiet kienu inqas minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità matul il-PI b'rata ta' inqas minn 8 %.

(104) Il-volum tal-prodotti importati mill-Belarus żdied b'35 % matul il-perjodu kkonċernat, iżda inizjalment il-livell kien baxx. Dan irrappreżenta sehem fis-suq ta' 2.3 % matul il-PI, iżda l-prezzijiet kienu inqas sew minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità matul il-PI b'rata ta' madwar 30 %. Il-volum tal-prodotti importati mill-Belarus kien is-suġġett ta' investigazzjoni u l-konklużjoni msemmija dwar id-differenzi fil-prezz irriżultat minn paragun iddettaljat tal-prodotti.

(105) Il-volum tal-prodotti importati mill-Korea żdied inizjalment b'22 % bejn l-2000 u l-2001, iżda naqas b'36 % għal tnaqqis totali ta' 14 %. Dan irrappreżenta sehem fis-suq ta' 8.3 % matul il-PI, u l-prezzijiet kienu inqas minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità matul il-PI b'rata ta' madwar 5 %-15 %. Il-volum tal-prodotti importati mill-Korea kien is-suġġett ta' investigazzjoni u l-konklużjoni msemmija dwar id-differenzi fil-prezz irriżultat minn paragun iddettaljat tal-prodotti.

(106) Ta' min wieħed jinnota li l-prodotti importati *dumped* mit-Tajwan jirrappreżentaw biss inqas minn 4 % tas-suq tal-Komunità, filwaqt li s-sehem konġunt tas-suq tal-prodotti importati mill-Korea, il-Ġappun u l-Belarus u dawk importati mit-Tajwan li m'humiex *dumped* kien ta' madwar 13-14 %, jiġifieri madwar erba' darbiet is-sehem tal-prodotti importati *dumped* mit-Tajwan. Il-prodotti importati mis-sorsi msemmija kellhom prezzijiet inqas sew minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità. Sar paragun tat-tipi tal-prodotti bejn, dawk importati mill-Belarus, il-Korea u dawk mhux *dumped* mit-Tajwan, minn naħa, u l-volum ta' prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Komunità min-naħa l-oħra. Dan il-paragun wera li proporzjon akbar mill-prodotti importati mill-Belarus, il-Korea u dawk mhux *dumped* mit-Tajwan jikkompetu direttament mal-prodotti tal-Komunità b'valur ogħla mill-prodotti importati *dumped* mit-Tajwan. Għalhekk, il-prodotti importati mill-Belarus, il-Korea u dawk *dumped* mit-Tajwan kellhom impatt ovvju fuq l-industrija tal-Komunità. Fuq din il-bażi, ġie konkluż li l-effett fuq il-volum u l-prezz tal-prodotti importati mill-Korea, il-Ġappun u l-Belarus u dawk mhux *dumped* mit-Tajwan huma b'mod li m'għadux possibbli li tiġi stabbilita rabta kawżali bejn il-prodotti importati *dumped* mit-Tajwan u d-dannu materjali li sofriet l-industrija tal-Komunità. Fil-fatt, fiċ-ċirkostanzi preżenti, il-prodotti importati *dumped* mit-Tajwan ma setax kellhom ħlief sehem periferiku.

4. **Konklużjoni dwar il-Kawżalità**

(107) L-analiżi li tidher hawn fuq tiddistingwi u tissepara l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa dwar is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità mill-effetti ta' dannu tal-prodotti importati *dumped*. Id-dannu li sofriet l-industrija tal-Komunità kien il-biċċa l-kbira kaġunat mill-inżul fil-prezzijiet li rriżulta mill-prezzijiet tal-prodotti importati minn terzi pajjiżi li kienu inqas sostanzjalment minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità. Peress li i) is-sehem tas-suq limitat tal-prodotti importati mit-Tajwan li kienu *dumped* (inqas minn 4 %) u s-sehem tas-suq ħafna aktar importanti tal-prodotti importati minn pajjiżi oħra minbarra t-Tajwan, flimkien mal-prodotti importati mhux *dumped* mit-Tajwan (madwar 13-14 %), u, ii) ir-roħs żejjed fil-prezzijiet ta' dawn il-prodotti importati, jista' jiġi konkluż li d-dannu soffert mill-industrija tal-Komunità kien kaġunat b'mod sostanzjali mill-importazzjoni ta' ħjut magħmulin minn filamenti tal-*polyester* ta' saħħa kbira li m'humiex dawk li oriġinaw mill-esportatur Tajwaniż li pprattika d-*dumping*. Ir-rabta ta' kawżalità skond it-tifsira ta' l-Artikoli 3(6) u 3(7) tar-Regolament bażiku bejn il-prodotti importati mit-Tajwan li kienu *dumped*, jekk dawn jitqiesu f'iżolament, u d-dannu materjali li sofriet l-industrija tal-Komunità għalhekk ma setgħetx tkun stabbilita.

F. **KONKLUŻJONI**

(108) Dan il-proċediment għalhekk għandu jitwaqqaf, peress li l-marġni tad-*dumping* mill-Belarus u l-Korea huma *de minimis* u minħabba nuqqas ta' konnessjoni ta' kawżalità ċara bejn id-*dumping* u d-dannu safejn huma kkonċernati l-prodotti importati li joriġinaw mit-Tajwan,

IDDEĊEDIET:

Artikolu 1

Il-proċediment kontra d-*dumping* dwar l-importazzjoni ta' ħajt magħmul minn filamenti tal-*polyester* ta' saħħa kbira (li mhux ħajt tal-ħjata), mhux intiżi għall-bejgħ bl-imnut, inklużi monofilamenti tal-*pol ye st er* ta' inqas minn 67 *decitex*, li jidħlu fil-kodiċi NM 5402 20 00 u li joriġinaw mill-Belarus, ir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan, hu għalhekk imwaqqaf.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada li tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, fil-5 ta' April 2005.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membru tal-Kummissjoni